REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 933/2008

tat-23 ta' Settembru 2008

li jemenda l-Anness tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004 fir-rigward tal-mezzi ta' identifikazzjoni tal-annimali u l-kontenut tad-dokumenti ta' moviment

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004 tas-17 ta' Diċembru 2003 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali ovini u kaprini u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u d-Direttivi 92/102/KEE u 64/432/KEE [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 10(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 21/2004 jistipula li kull Stat Membru għandu jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali ovini u kaprini skond id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

(2) Din is-sistema għandha tikkomprometti erba' elementi, jiġifieri: mezzi ta' identifikazzjoni biex jiġi identifikat kull annimal ("mezz ta' identifikazzjoni"), iż-żamma ta' reġistri aġġornati f'kull stabbiliment, dokumenti ta' moviment u reġistru ċentrali jew database tal-kompjuter. L-Anness ta' dan ir-Regolament jistipula r-rekwiżiti għal dawn l-elementi.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 21/2004, kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 1560/2007 [2], jistipula li l-identifikazzjoni elettronika għandha ssir obbligatorja mill-31 ta' Diċembru 2009.

(4) Fis-17 ta' Novembru 2007, il-Kummissjoni ressqet rapport lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' identifikazzjoni elettronika fin-nagħaġ u l-mogħoż [3]. Dan ir-rapport jikkonkludi li l-Istati Membri għandu jkollhom il-permess li japprovaw tipi ġodda ta' identifikaturi biex jidentifikaw in-nagħaġ u l-mogħoż skond ċerti kundizzjonijiet.

(5) Saru żviluppi teknoloġiċi fil-qasam tal-identifikazzjoni elettronika. Huwa għalhekk xieraq li jiġu emendati r-rekwiżiti li jikkonċernaw il-mezzi ta' identifikazzjoni, stipulati fir-Regolament (KE) Nru 21/2004, biex ikun hemm spettru usa' ta' kombinazzjonijiet tekniċi. Il-mezzi żviluppati l-ġodda ta' identifikazzjoni, bħall-identifikaturi injettabbli u l-marki elettroniċi fuq il-pastur, għandhom jiġu permessi kif xieraq bħala mezz ta' identifikazzjoni skond dan ir-Regolament. Madankollu, l-użu tagħhom għandu jkun limitat għal spostamenti nazzjonali, fejn titqies il-ħtieġa li tinkiseb aktar esperjenza prattika fl-użu ta' dawn il-mezzi ġodda ta' identifikazzjoni. Billi l-identifikazzjoni elettronika għandha ssir l-ewwel mezz ta' identifikazzjoni l-Istati Membri għandu jkollhom aktar flessibbiltà fl-użu ta' mezzi konvenzjonali ta' identifikazzjoni bħala identifikatur ieħor. Il-Parti A tal-Anness ta' dan ir-Regolament għandha għalhekk tiġi emendata kif xieraq.

(6) Il-Parti B tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 21/2004 tistipula t-tagħrif li għandu jkun hemm fir-reġistri aġġornati li jinżammu f'kull stabbiliment. Parti minn dan it-tagħrif huwa disponibbli biss fl-istabbiliment tat-twelid. Fl-interess tat-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi, huwa għalhekk xieraq li tiġi emendata dik il-parti tal-Anness.

(7) Ir-Regolament (KE) Nru 21/2004 jistipula li, mill-31 ta' Diċembru 2009, l-identifikazzjoni elettronika għandha ssir obbligatorja għall-annimali kollha mwielda wara dik id-data. Madankollu, matul l-ewwel sena wara l-31 ta' Diċembru 2009, il-maġġoranza tal-annimali se jiġu identifikati biss b'identifikaturi konvenzjonali mhux elettroniċi, billi dawn l-annimali twieldu qabel din id-data. Matul dik is-sena l-annimali bl-identifikaturi elettroniċi u mhux elettroniċi għandhom jiġu spostati u ttrattati flimkien.

(8) Il-kodiċi individwali tal-annimali minn identifikaturi mhux elettroniċi jistgħu biss jiġu rreġistrati manwalment. Ir-reġistrazzjoni manwali ta' identifikaturi mhux elettroniċi teħtieġ sforz konsiderevoli min-naħa tad-detenturi u hija sors potenzjali li tiġġenera l-iżbalji. Barra dan, ikun ta' xkiel għall-operaturi biex jisseparaw dawk il-ftit annimali b'identifikaturi elettroniċi u biex jirreġistraw il-kodiċi tagħhom individwali. Ukoll, ikun ta' xkiel li jintalab li s-sistemi ta' qari elettroniku jiġu installati għar-reġistrazzjoni individwali, billi l-parti l-kbira tal-annimali spostati tiġi xorta waħda identifikata bil-lametti tal-widna konvenzjonali mhux elettroniċi. Għalhekk, id-data minn meta d-dokumenti ta' moviment għandu jkollhom kodiċi individwali tal-annimali għandha tiġi posposta sakemm parti sostanzjali mill-popolazzjoni tan-nagħaġ u l-mogħoż tkun diġà qed tiġi identifikata b'mezzi elettroniċi. Ir-rapport tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' identifikazzjoni elettronika fin-nagħaġ u l-mogħoż wasal ukoll għal din il-konklużjoni.

[1] ĠU L 5, 9.1.2004, p. 8.
[2] ĠU L 340, 22.12.2007, p. 25.
[3] COM(2007) 711.

(9) Huwa għalhekk xieraq li d-data minn meta d-dokument ta' moviment għandu jkollu l-kodiċi ta' identifikazzjoni individwali għal kull annimal għandha tiġi posposta għall-1 ta' Jannar 2011. Id-data msemmija fil-punt 2 tal-Parti C tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 21/2004, li tikkonċerna d-dokument ta' moviment, għandha għalhekk tiġi emendata kif xieraq.

(10) Għandha titqies is-sitwazzjoni partikolari tal-annimali li twieldu qabel l-1 ta' Jannar 2010 f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħtieġa li jiġu rreġistrati l-kodiċi individwali tal-annimali fid-dokument ta' moviment. Ir-riskji marbuta mal-annimali bħal dawn li jittieħdu l-biċċerija huma limitati u ma jiġġustifikawx il-piż supplementari amministrattiv li jinħoloq minħabba f'dan ir-rekwiżit. L-annimali li jittieħdu direttament il-biċċerija għandhom għalhekk jiġu eżentati minn dan ir-rekwiżit minkejja d-data ta' spostament tal-annimali.

(11) Flimkien ma' dan, għalkemm l-annimali li twieldu qabel l-1 ta' Jannar 2010 xorta waħda jkunu għadhom jagħmlu parti sostanzjali mill-popolazzjoni tan-nagħaġ u l-mogħoż fl-2011, ir-riskji marbuta mal-moviment tagħhom ikunu qed jonqsu l-ħin kollu, meta proporzjonalment imqabbla mat-tnaqqis fin-numru ta' annimali bħal dawn sal-31 ta' Diċembru 2011. Il-moviment ta' annimali bħal dawn għalhekk għandu jiġi eżentat mir-rekwiżit li jiġu rreġistrati l-kodiċi individwali tal-annimali fid-dokument ta' moviment sal-31 ta' Diċembru 2011. Wara din id-data, il-maġġoranza kbira tal-popolazzjoni tan-nagħaġ u l-mogħoż għandha tkun identifikata elettronikament u r-reġistrazzjoni manwali tkun meħtieġa biss f'għadd żgħir ta' każijiet, billi din tkun tikkonċerna biss l-annimali xjuħ li jittieħdu fi stabbilimenti oħra u mhux fil-biċċeriji. Il-piż li jinġarr mid-detenturi minħabba f'reġistrazzjoni ta' din ix-xorta wara l-31 ta' Diċembru 2011, kif ukoll is-sorsi potenzjali ta' żbalji, għandhom imbagħad ikunu f'livelli aċċettabbli.

(12) Huwa għalhekk xieraq li jinħolqu ċerti dispożizzjonijiet tranżitorji matul il-perjodu inizjali tas-sistema fir-rigward tar-reġistrazzjoni tal-kodiċi individwali tal-annimali fid-dokument ta' moviment tal-annimali li twieldu qabel l-1 ta' Jannar 2010.

(13) Il-Parti C tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 21/2004 tistipula t-tagħrif li għandu jkun hemm fid-dokument ta' moviment. Il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-istabbiliment tad-destinazzjoni mhuwiex dejjem disponibbli fl-istabbiliment tat-tluq. L-isem u l-indirizz tal-istabbiliment tad-destinazzjoni jew tad-detentur li jmiss għandhom ikunu aċċettabbli bħala alternattiva.

(14) Ir-Regolament (KE) Nru 21/2004 għandu għalhekk jiġi emendat skond dan.

(15) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 21/2004 jinbidel bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 23 ta' Settembru 2008.

Għall-Kummissjoni
Androulla VASSILIOU
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

"ANNESS

A. MEZZI TA' IDENTIFIKAZZJONI

1. L-awtorità kompetenti għandha tapprova mezzi ta' identifikazzjoni, kif stipulat fl-Artikolu 4(1), li għandhom jitfasslu b'tali mod li:

(a) jiżguraw mill-inqas marka waħda li tidher u waħda li tinqara elettronikament;

(b) jibqgħu mwaħħla mal-annimal mingħajr ma jkunu ta' ħsara; kif ukoll

(ċ) ikunu jistgħu jitneħħew faċilment mill-katina alimentari.

2. Il-mezzi ta' identifikazzjoni għandhom juru kodiċi li jipprovdi t-tagħrif li ġej fl-ordni li qed tintwera:

(a) jew il-kodiċi alfa b'żewġ ittri jew il-kodiċi numeriku bi tliet numri [1], imsejjes fuq l-ISO 3166, għall-Istati Membri li fihom jinsab l-istabbiliment fejn l-annimal ġie identifikat għall-ewwel darba ('il-kodiċi tal-pajjiż');

(b) kodiċi individwali tal-annimal li ma jkunx fih aktar minn 12-il ċifra

Flimkien mal-kodiċi msemmija fil-punti (a) u (b), u sakemm dawn il-kodiċi jkunu jistgħu jinqraw, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza bar code kif ukoll iż-żieda ta' tagħrif supplementari mid-detentur.

[1]

l-Awstrija	AT	040
il-Belġju	BE	056
il-Bulgarija	BG	100
Ċipru	CY	196
ir-Repubblika Ċeka	CZ	203
id-Danimarka	DK	208
l-Estonja	EE	233
il-Finlandja	FI	246
Franza	FR	250
il-Ġermanja	DE	276
il-Greċja	EL	300
l-Ungerija	HU	348
l-Irlanda	IE	372
l-Italja	IT	380
il-Latvja	LV	428
il-Litwanja	LT	440
il-Lussemburgu	LU	442
Malta	MT	470
l-Olanda	NL	528
il-Polonja	PL	616
il-Portugall	PT	620
ir-Rumanija	RO	642
is-Slovakkja	SK	703
is-Slovenja	SI	705
Spanja	ES	724
l-Iżvezja	SE	752
ir-Renju Unit	UK	826

3. L-ewwel mezz ta' identifikazzjoni msemmi fl-Artikolu 4(2)(a) għandu jaqbel mal-kriterji stipulati jew f'punt (a) jew (b).

(a) identifikatur elettroniku f'forma ta' bolus ruminali jew lametta tal-widna elettronika, skond il-karatteristiċi tekniċi elenkati fil-punt 6; jew

(b) lametta tal-widna magħmula minn materjal li ma jitmermirx, mhux falsifikabbli u li jinqara faċilment matul il-ħajja tal-annimal; għandu jkun ta' materjal li ma jistax jerġa' jintuża u l-kodiċi msemmija f'punt 2 għandu jkun tali li ma jkunx jista' jitneħħa.

4. It-tieni mezz ta' identifikazzjoni, kif stipulat fl-Artikolu 4(2)(b), għandu jaqbel mal-kriterji li ġejjin:

(a) għall-annimali identifikati skond il-punt 3(a):

(i) lametta tal-widnejn konformi mal-kriterji stipulati fil-punt 3(b); jew

(ii) marka fuq il-pastern konformi mal-kriterji għal-lametti tal-widnejn stipulati fil-punt 3(b); jew

(iii) tattwaġġ, għajr għall-annimali involuti fil-kummerċ intra-Komunitarju,

(b) għall-annimali identifikati skond il-punt 3(b):

(i) identifikatur elettroniku konformi mal-kriterji stipulati fil-punt 3(a); jew

(ii) għall-annimali involuti fil-kummerċ intra-Komunitarju, identifikatur elettroniku f'forma ta' marka elettronika fuq il-pastern jew it-transponder li jiġi injettat skond il-karatteristiċi tekniċi elenkati fil-punt 6; jew

(iii) fejn l-identifikazzjoni elettronika mhijiex obbligatorja, skond l-Artikolu 9(3):

— lametta tal-widnejn, konformi mal-kriterji stipulati fil-punt 3(b);

— marka fuq il-pastur, konformi mal-kriterji għal-lametti tal-widnejn stipulati fil-punt 3(b); jew

— tattwaġġ.

5. Is-sistema msemmija fl-Artikolu 4(2)(c) teħtieġ l-identifikazzjoni tal-annimali kemm skond l-istabbiliment kif ukoll individwalment, tipprovdi għall-proċedura ta' sostituzzjoni meta l-mezz tal-identifikazzjoni tkun saret illeġibbli jew tkun intilfet, taħt il-kontroll tal-awtorità kompetenti u mingħajr ma tikkompromietti t-traċċabbiltà bejn l-istabbilimenti, bl-għan li jiġi kkontrollat il-mard epiżootiku, u tippermetti li l-moviment tal-annimali jkun intraċċat fit-territorju nazzjonali, bl-istess għan.

6. L-identifikatur elettroniku għandu jkun konformi ma' dawn il-karatteristiċi tekniċi li ġejjin:

(a) għandhom ikunu transponders passivi li jinqraw biss bl-applikazzjoni tat-teknoloġija HDX- jew FDX-B, li jkunu konformi mal-istandards ISO 11784 u 11785;

(b) għandhom ikunu jistgħu jinqraw minn apparati tal-qari, ikunu konformi mal-istandard ISO 11785, u kapaċi jaqraw it-traspondaturi HDX u FDX-B;

(ċ) id-distanza tal-qari għandha tkun ta':

(i) mill-inqas 12-il ċm għal-lametti tal-widnejn u l-marki fuq il-pastern meta jinqraw b'apparati tal-qari li jinġarru;

(ii) mill-inqas 20 ċm għall-bolussi ruminali u t-trasponders injettabbli meta jinqraw b'apparati tal-qari li jinġarru;

(iii) mill-inqas 50 ċm għat-tipi kollha ta' identifikaturi meta jinqraw b'apparat stazzjonarju tal-qari.

7. Il-metodu ta' identifikazzjoni msemmi fl-Artikolu 4(3) għandu jkun kif ġej:

(a) l-annimali għandhom ikunu identifikati b'lametta tal-widna approvata mill-awtorità kompetenti, applikata fuq widna waħda;

(b) il-lametta tal-widna għandha tkun ta' materjal li ma jitmermirx, li ma tistax titbagħbas u li tinqara faċilment; ma għandhiex tkun tista' tintuża mill-ġdid u għandu jkollha biss kodiċi li ma jistgħux jitneħħew;

(ċ) il-lametta għandu jkun fiha mill-inqas it-tagħrif li ġej:

(i) il-kodiċi tal-pajjiż b'żewġ ittri ([1]); kif ukoll

(ii) il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-istabbiliment tat-twelid jew kodiċi individwali tal-annimali li minnha jista' jiġi ddeterminat l-istabbiliment tat-twelid.

L-Istati Membri li jużaw dan il-metodu alternattiv għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra, fil-qafas tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 13(1).

Jekk l-annimali identifikati b'konformità ma' dan il-punt jew jinżammu wara li jkunu għalqu t-12 il-xahar jew huma maħsuba għall-kummerċ intra-Komunitarju jew għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi u fil-każijiet kollha għadhom qed jinżammu fl-istabbiliment tat-twelid, dawn għandhom ikunu identifikati bi qbil mal-punti 1 sa 4 qabel jitilqu minn dak l-istabbiliment.

B. IR-REĠISTRU TAL-ISTABBILIMENT

1. Mid-9 ta' Lulju 2005, ir-reġistru tal-istabbiliment għandu jkun fih mill-anqas it-tagħrif li ġej:

(a) il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-istabbiliment,

(b) l-indirizz tal-istabbiliment u l-koordinati ġeografiċi jew l-indikazzjoni ekwivalenti tal-lokalità ġeografika tal-istabbiliment;

(ċ) it-tip ta' produzzjoni;

(d) ir-riżultati tal-aħħar inventarju msemmi fl-Artikolu 7 u d-data li fiha dan twettaq;

(e) l-isem u l-indirizz tad-detentur;

(f) fil-każ ta' annimali li jħallu l-istabbiliment:

(i) l-isem tat-trasportatur;

(ii) in-numru ta' reġistrazzjoni tal-parti tal-mezzi tat-trasport li qed iġġorr l-annimali;

(iii) il-kodiċi ta' identifikazzjoni jew l-isem u l-indirizz tal-istabbiliment ta' destinazzjoni jew, fil-każ tal-annimali li ttieħdu l-biċċerija, il-kodiċi ta' identifikazzjoni jew l-isem tal-biċċerija u d-data tat-tluq;

jew kopja dupplikata jew kopja ċċertifikata tad-dokument ta' moviment imsemmi fl-Artikolu 6;

(g) fil-każ tal-annimali li jaslu fl-istabbiliment, il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-istabbiliment li minnu l-annimali ġie trasferit u d-data tal-wasla;

(h) tagħrif dwar kwalunkwe sostituzzjoni tal-mezz ta' identifikazzjoni.

2. Mill-31 ta' Diċembru 2009, ir-reġistru tal-istabbiliment għandu jkun fih mill-inqas dan it-tagħrif aġġornat li ġej għal kull annimal li twieled wara din id-data:

(a) il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-annimal;

(b) fl-istabbiliment tat-twelid, is-sena tat-twelid u d-data ta' identifikazzjoni;

(ċ) ix-xahar u s-sena tal-mewt tal-annimal f'dak l-istabbiliment;

(d) ir-razza u l-ġenotip, jekk magħrufin.

Madankollu, għall-annimali identifikati skond il-punt 7 tat-Taqsima A, it-tagħrif imsemmi minn (a) sa (d) ta' dan il-punt għandu jingħata għal kull lott ta' annimali li jkollhom l-istess identifikazzjoni u għandu jinkludi l-għadd tal-annimali.

3. Ir-reġistru tal-istabbiliment għandu jkollu l-isem u l-firma tar-rappreżentant jew tal-uffiċjal approvat tal-awtorità kompetenti li jkun ivverifika r-reġistru u d-data li fiha kienet twettqet il-verifika.

C. ID-DOKUMENTI TA' MOVIMENT

1. Id-dokument ta' moviment għandu jimtela mid-detentur fuq il-bażi ta' mudell imħejji mill-awtorità kompetenti. Għandu jkun fih mill-anqas it-tagħrif li ġej:

(a) il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-istabbiliment;

(b) l-isem u l-indirizz tad-detentur;

(ċ) l-għadd totali ta' annimali spostati;

(d) il-kodiċi tal-identifikazzjoni jew l-isem u l-indirizz tal-istabbiliment ta' destinazzjoni jew tad-detentur segwenti tal-annimali, jew, meta l-annimali jittieħdu l-biċċerija, il-kodiċi ta' identifikazzjoni jew l-isem u l-lokalità tal-biċċerija, jew, fil-każ ta' transumanza, il-post ta' destinazzjoni;

(e) id-data li tikkonċerna l-mezz tat-trasport u tat-trasportatur, inkluż in-numru tal-permess tat-trasportatur;

(f) id-data tat-tluq;

(g) il-firma tad-detentur.

2. Mill-1 ta' Jannar 2011, id-dokument ta' moviment għandu jkun fih il-kodiċi individwali ta' identifikazzjoni għal kull annimal identifikat skond il-punti 1 sa 6 tat-Taqsima A, flimkien mat-tagħrif stipulat fil-punt 1 ta' din it-Taqsima.

3. Madankollu, it-tagħrif imsemmi fil-punt 2 ma għandux ikun obbligatorju għall-annimali li jkunu twieldu sal-31 ta' Diċembru 2009:

(a) hekk kif jittieħdu l-biċċerija, direttament jew permezz ta' proċedura ta' gwida li teskludi movimenti sussegwenti lejn kwalunkwe stabbiliment ieħor;

(b) sal-31 ta' Diċembru 2011 għall-movimenti l-oħra kollha.

D. ID-DATABASE KOMPJUTERIZZATA

1. Id-database kompjuterizzata għandu jkun fiha mill-anqas it-tagħrif li ġej dwar kull qasam:

(a) il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-istabbiliment;

(b) l-indirizz tal-istabbiliment u l-koordinati ġeografiċi jew l-indikazzjoni ekwivalenti tal-lokalità ġeografika tal-istabbiliment;

(ċ) l-isem u l-indirizz u t-tip ta' xogħol tad-dententur,

(d) l-ispeċi tal-annimali;

(e) it-tip ta' produzzjoni;

(f) ir-riżultat tal-aħħar inventarju tal-annimali msemmi fl-Artikolu 7(2), u d-data li fiha sar l-inventarju,

(g) taqsima tad-data riservata għall-awtorità kompetenti li fiha hija tkun tista' tniżżel tagħrif dwar is-saħħa tal-annimali, pereżempju restrizzjonijiet ta' moviment, l-istatus u xi tagħrif rilevanti ieħor fil-kuntest tal-programmi Komunitarji jew nazzjonali.

2. Bi qbil mal-Artikolu 8, għandu jkun kemm dħul fid-database għal kull moviment separat tal-annimali.

Id-dħul għandu jinkludi mill-anqas it-tagħrif li ġej:

(a) l-għadd tal-annimali spostati;

(b) il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-istabbiliment tat-tluq;

(ċ) id-data tat-tluq;

(d) il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-istabbiliment tal-wasla;

(e) id-data tal-wasla.".